MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-31 ta' Awwissu, 2006

Appell Kriminali Numru. 119/2006

**Il-Pulizija**
**Vs**

**Patrick Vella**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, talli nhar it-8 ta’ Gunju, 2004, u qabel din id-data, matul il-gurnata bhala direttur u persuna li ghandu r-responsabbilita’ tal-istabbiliment bl-isem “Marineland Ltd, Leisure and Theme Park”, sitwat White Rocks, Bahar ic-Caghaq,**
**1) naqas milli jassigura s-sahha w is-sigurta’ tal-persuni kollha li jistghu jigu effetwati bix-xoghol li jkun qed isir, u dan billi naqas milli jiehu l-passi necessarji sabiex jigi evitat dannu fiziku, korriment**

**jew mewt fuq il-post tax-xoghol u naqas milli jiehu l-mizuri necessarji kollha sabiex ir-riskju jigi ridott kemm huwa regonevolment prattiku;**
**2) naqas milli jobdi ordni ta' Ufficjal ta' l-Awtorita' tas-Sahha w Sigurta' fuq il-post tax-xoghol, liema ordni inhargitlu bil-miktub fil-15 ta' Dicembru, 2003 u kkonfermata bil-miktub ukoll fit-18 ta' Frar, 2004 u fejn hu gie ordnat li**
**(i) jaghmel jew jizgura li jappunta persuna kompetenti biex jaghmillek, evalwazzjoni xierqa w sufficienti tar-riskji tal-attivitajiet tax-xoghol li jkunu qeghdin isiru ghalih**
**(ii) li jappunta persuna li jaghti l-ewwel ghajnuna**
**(iii) li jipprovdi ilqugh ahjar mal-vaska tad-dniefel biex ma jhalliex terzi persuni w impjegati jaqghu fl-istess vaska w**
**(iv) biex jipprovdi kopja tal-pjan ta' emergenza applikabbli f'kaz ta' xi incident**
**3) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi naqas ukoll li jaghmel, jew li jizgura li ssir, evalwazzjoni xierqa, sufficjenti w sistematika tal-perikli ghas-sahha w s-sigurta' kollha li jistghu jkunu prezenti fuq il-post tax-xoghol u r-riskji li jirrizulta li jikkoncernaw l-aspetti kollha tal-attivita' tax-xoghol, cioe' l-post imsemmi hawn fuq.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-4 t' April, 2006, li biha, wara li rat l-Artikoli 6(1), 17(1) tal-Att XXVII tal-2000, Kapitolu 424, u l-Avviz Legali 36 tal-2003, Art. 10(1), sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet kif dedotti w ikkundannatu ghal multa ta' hames mitt lira Maltin (LM500).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-10 t'April, 2006, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka, thassar u tannulla s-sentenza appellata w hekk tilliberah minn kull imputazzjoni w htija.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor huma s-segwenti w cioe' :- 1. li l-appellant gie mharrek bhala direttur u persuna li ghandha r-responsabbilta' ta' l-istabbiliment bl-isem "*Marineland Ltd. Leisure and Theme Park"* , pero' ma gie indikat b' ebda mod ta' liema socjeta' kummercjali jew kumpanija kien qed jigi mharrek fil-kapacita' tieghu ta' Direttur. 2. li ma giex pruvat li huwa jew xi kumpanija li taghha huwa direttur ghandha r-responsabbilta' ta' stabbiliment bl-isem *"Marineland Ltd, Leisure and Theme Park"*. L-isem tal-istabbiliment kif imsemmi ma jikkorrispondix mall-fond fejn saret l-ispezzjoni mill-Awtorita' dwar is-Sahha u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol. La darba l-akkuza ssir b' isem zbaljat, is-sentenza tal-Qorti tal-ewwel istanza ma tolqotx lill-appellant u ma hix ezegwibbli kontra tieghu. Dan mhux kaz ta' zball dattilografiku izda isem li huwa totalment skorrett u li ma jikkorrispondi ma l-ebda proprjeta' li tinsab Bahar ic-Caghaq. 3. li ma giex ippruvat li harget xi ordni bil-miktub *"to safeguard occupational health and safety*" minn ufficjal tal-Awtorita' fil-konfront tal-appellant jew xi kumpanija li taghha hu direttur. Anki jekk ghall-grazzja tal-argument kien inhareg tali avviz, kellha tingieb il-prova li dan twassal fl-ufficcju registrat tal-kumpanija in kwistjoni jew xi indirizz iehor kontemplat mill-Companies Act. Hu oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-aqwa prova. Umbaghad skond it-tielet paragrafu ta' l-artikolu 17(1) tal-Kap.424, kwalunkwe ordni bil-fomm kellha necessarjament tigi konfermata bil-miktub u notifikata lill-persuna kontra min tkun harget fi zmien tlitt ijiem ta' xoghol. 4. Illi fir-rigward ta' xi akkuzi ma xehdux dawk l-ufficjali tal-Awtorita' dwar is-Sahha u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol li allegatament kienu accedew fl-istabbiliment u rriskontraw xi offizi, izda xehed biss rapprezentant wiehed u qal dak li rrizultalu mill-*file* li kellu fuqu. Din mhux l-aqwa prova li kellha tingieb. 5. Ma ngabet ebda prova li turi li kien hemm vjolazzjoni tar-rekwiziti stabiliti mill-Artikolu 10 (1) tal-Avviz Legali 36 tas-sena 2003, koncernanti l-evalwazzjoni tar-riskju tal-perikli ghas-sahha w s-sigurta' fuq il-post tax-xoghol.

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta' Gunju, 2006 li bih il-partijiet qablu li x-xhieda ta' Philip Mizzi li ttiehdet minn din il-Qorti a fol. 28 sa 34 tal-process, ghandha tittiehed bhala prova anki f' dan l-istadju ghall-fini tal-appell;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi dwar l-ewwel aggravju, dejjem gie ritenut fil-gurisprudenza li c-citazzjoni kull ma hija, hu *"avviso a comparire"* u li bizzejjed li fiha, skond l-artikolu 360 (2) tal-Kodici Kriminali, c-citazzjoni ssemmi car il-persuna mharrka w ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuza, bil-partikolaritajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw u l-importanti hu li bl-uzu tad-dicitura msemmija fic-citazzjoni ikun bizzejjed biex l-imputat ikun jaf ta' x'hiex ezatt kien qed jigi akkuzat. (App. Krim.** "Il-Pulizija vs. Ignatius Joseph Fenech" **[4.8.06] u ohrajn)**

**Illi f' dan il-kaz ma hemmx l-icken dubju li l-akkuza tirriferi ghall-akkuzat u cioe' l-appellant odjern, li gie indikat bl-aktar mod car fil-parti tal-komparixxi li turi lil min giet indirizzata. Ghalhekk hawn no si tratta ta' akkuza b' isem zbaljat kif qed jissottometti l-appellant. Jekk hemm dicitura infelici, din tinstab fil-korp tal-ewwel imputazzjoni u mhux fil-konnotati tal-appellant li kontra tieghu inharget ic-citazzjoni.**

**Fil-korp tal-komparixxi umbaghad jinghad li l-appellant bhala direttur u persuna li ghandu r-responsabbilta' tal-istabiliment *" 'Marineland Ltd.,Leisure and Theme Park' sitwat White Rocks, Bahar ic-Caghaq"* kien naqas milli jaghmel dak li jissemma fl-akkuzi dedotti kontra tieghu. Illi ma hemmx dubju li l-appellant kien Direttur tas-socjeta'**

**Marineland Limited sa mill-1 ta’ Jannar, 2003 kif del resto jidher mill-kopji awtentici tal-Memorandum and Articles of Association esebiti fil-process (fol. 7) u cioe’ dan fil-periodu rilevanti ghall-akkuzi in meritu. Illi fl-istess Memorandum insibu li l-indirizz tar-*registered office* tas-socjeta’ kien “*Leisure and Theme Park, White Rocks , Bahar ic-Caghaq.”* Bhala Direttur tas-socjeta’ Marineland Limited li ghandha l-indirizz taghha proprju fil-Leisure and Theme Park ta’ Bahar ic-Caghaq, l-appellant zgur li ma setax jitfixkel dwar in-natura tal-imputazzjonijiet li kellu jiddefendi ruhu dwarhom.**

**Illi hu minnu li proprjament fil-komparixxi jmissu intuzat id-dicitura korretta legalment u cioe’ “…bhala direttur tas-socjeta’ Marineland Ltd, u persuna li ghandek ir-responsabbilta’ ta’ l-istabiliment bl-isem Leisure and Theme Park sitwat White Rocks, Bahar ic-Caghaq”‘ minnflok dik adoperata fit-test tal-komparixxi , pero’ dan bl-ebda mod ma jirrendi l-komparixxi nulla jew bla effett u l-appellant ma setax ikollu l-icken dubju ta’ x’ hiex kien qed jigi akkuzat u f’ lierma mansjoni kien qed jigi hekk akkuzat, b’ mod li zgur li ma kien bl-ebda mod impedut milli jiddefendi ruhu.**

**Illi umbaghad ir-responsabbilta’ kriminali ghal reat li jsir minn korp jew ghaqda ta’ persuni, tad-diretturi u ufficjali ta’ socjetajiet kummercjali hija wahda personali u mhux wahda rapprezentattiva jew *nomine* kif inhi fil-kamp civili fejn diretturi qabel kien jigu w issa jistghu jigu mharrka in rapprezentanza ta’ korpi guridici bhal ma hija socjeta’ kummercjali, skond l-art. 13 tal-Interpretation Act (Kap.249). Ghalhekk ma hemmx ghalfejn li l-imputat jigi citat fil-vesti ta’ direttur jew in rapprezentanza ta’ xi socjeta’ kummercjali Bizzejjed li jigi citat b’ mod car ghal dak li jirrigwarda l-konnotati tieghu personali w li mill-korp tal-akkuza jkun jidher car li qed jigi mharrek jew akkuzat minnhabba r-responsabilta’ vikarja tieghu bhala ufficjal, direttur tal-korp, u li mill-provi mbaghad jirrizulta li hu kien direttur, jew ufficjal tal-korp ta’**

**persuni bhal ma hija socjeta' kummercjali li tiggestixxi l-post fejn ikun sar ir-reat u li hu qed jigi akkuzat ghal din ir-raguni.**

**Kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta mill-Onor. Imhallef (illum Prim' Imhallef) Dr. V. De Gaetano" fl-Appell Kriminali** "Il-Pulizija vs. Joseph Bonnici" **[26.5.1995]:-**

*"Meta persuna tigi biex twiegeb ghar-reat kommess minn ghaqda jew korp ta' persuni in forza ta' l-artikolu 322 tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija jew in forza ta' l-artikolu 13 ta' l-Att dwar l-Interpretazzjoni [Kap.249], it-tahrika ghandha tohrog kontra d-direttur, manager, ecc. f' ismu personalment, fis-sens li hu personalment irid iwiegeb ghall-akkuza, u f' kaz ta' sejbien ta' htija u imposizzjoni ta' piena, tali piena, sia jekk pekunjarja sia jekk restrittiva tal-liberta' personali, tigi inflitta fuqu u tigi skontata minnu."*

***"….meta l-prosekuzzjoni tkun qed tipotizza, kontra tali direttur, manager jew segretarju, reat kommess minn ghaqda jew korp, u li ghalih hu jrid iwiegeb personalment, fl-imputazzjoni jew fl-akkuza — mhux fl-isem tal-imputat jew akkuzat, cioe' <u>mhux</u> fl-okkju tal-kawza—ghandu jkun hemm xi indikazzjoni li hu qed jigi imsejjah biex iwiegeb ghal reat kommess mill-korp jew ghaqda: cioe' ghandu jkun hemm xi indikazzjoni li hu qed jigi mharrek jew akkuzat minhabba r-responsabilta' vikarja tieghu. Jekk mhux ghal xi haga ohra, tali indkazzjoni hi mehtiega sabiex l-imputat jew l-akkuzat ikun jista' jipprepara d-difiza tieghu."***

**Konsegwentement hawn non si tratta ta' nullita' tac-citazzjoni jew ta' xi sentenza li ma tistax tigi ezegwita kontra l-appellant ghaliex tharrek b' isem hazin ghax hu tharrek b' isem u konnotati tajba. Ghalhekk, taht kull aspett, l-ewwel u t-tieni aggravji ma humiex fondati w qed jigu respinti.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi fil-mertu jirrizulta li fil-15 ta' Dicembru, 2003 inktbet ittra mill-Occupational Health & Safety Authority lill-appellant bhala "**Mr. Patrick Vella – Director, Mediterraneo, Marineland Ltd, Bahar ic-Caghaq, Naxxar" **fejn ai termini tal-Artikolu 17 tal-Att XXVII tas-sena 2000, l-appellant gie ordnat jottempera ruhu ma diversi kondizzjonijiet. (fols. 3 u 4). Fit-18 ta' Frar, 2004, inkitbet ittra ohra indirizzata lil** "Patrick Vella, Director, Marineland Ltd, Bahar ic-Caghaq, Naxxar"**, fejn saret riferenza ghall-ittra l-ohra precedenti tal-15 ta' Decembru, 2003 u laqgha li kienet saret fil-11 ta' Frar, 2004, kif ukoll ghal fax li kellha d-data tat-22 ta' Dicembru, 2003 mibghuta lill-Awtorita' mill-istess appellant. Din l-ittra ffirmata minn certu Louis Coleiro, Occupational Health and Safety Officer, regghet gibdet l-attenzjoni tal-appellant ghal diversi materji li l-appellant kellu jottempera ruhu maghhom. (fols. 5 u 6).**

**Li l-ewwel ittra tal-15 ta' Dicembru, 2003, giet ircevuta mill-appellant jirrizulta mill-istess fax tieghu tat-22 ta' Dicembru, 2003 lil Louis Coleiro (Dok STL 1) a fol. 26, fejn hu stess jirriferi ghall-istess ittra w jitlob laqgha *"to discuss some points of your report".***

Philip Mizzi**, l-uniku xhud tal-Prosekuzzjoni quddiem l-Ewwel Qorti, rega' xehed quddiem din il-Qorti w qal li kienet saret inspection fil-park mis-Sur Louis Coleiro fit-12 ta' Dicembru, 2003 u mbaghad intbaghtet l-ittra. Kienu sabu xi nuqqasijiet. Il-ligi titlob li f' kull post tax-xoghol kull employer jaghmel evalwazzjoni tar-riskju, igifieri jara x' perikoli hemm u jara x' mizuri ghandu jiehu biex dawk il-perikoli jikkumbattihom biex ma jwegga' hadd u ma jimrad hadd. Dan l-appellant m'ghamlux. Din hija haga *on going*.. Il-ligi tghid li min ihaddem hames persuni irid jaghmel dan l-a*ssessment* bil-miktub. Ma hemmx dati li jistipulaw kull meta jrid jaghmlu dan l-assessment. Irid jaghmel *risk assessment* u jaggornah skond il-htiega, jekk jimbidlu l-perikli. Huma kienu avzaw bil-miktub lill-appellant biex jaghmel dan ir-*risk assessment*, fil-15 ta' Dicembru, 2003.(fol. 3). Ftit wara din l-ewwel ittra l-**

**appellant kien talab laqgha maghhom biex jispjegawlu x' irid jaghmel. Ix-xhud u Louis Coleiro kienu ltaqghu mall-appellant u spjegawlu x' inhuwa dan ir-*risk assessment* u l-punti l-ohra li kien hemm fl-ittra. Huma kienu ddedikawlu hafna hin, ghalkemm bhala staff kienu ftit, u saret dil-laqgha. Wara l-laqgha inkitbet it-tieni ittra tat-18 ta' Frar, 2004 (Fol. 5) u saret *"follow-up visit"* fit-3 ta' Gunju, 2004, biex jaraw ir-rizultat tal-ittri w tal-laqgha. Minn din il-laqgha li x-xhud kellu mall-park manager, certu Pedro Magalhaes, Portugiz, irrizulta li r-*risk assessment* kien baqa' ma sarx. Irrizulta ukoll li ma kellux *"first-aider"* ghan-nies u ghall-impjegati. Lanqas kien sar il-*contingency plan* li ghandu jsehh f' kaz ta' emergenza kif kien mitlub li jaghmel fl-ewwel ittra. Lanqas kellu r-rapprezentant tas-sahha w sigurta', li l-ligi titlob li jkollu kull *employer* u kif l-appellant kien mitlub li jkollu fl-ittra. Dan jigi nominat minn fost l-impjegati biex jirraprezenthom.**

**Umbaghad waqt din il-laqgha, il-park manager kien qabad u tkellem bit-telephone mall-appellant u dan rega' talab laqgha ohra maghhom, ghax naturalment ma kien ghamel xejn. Hu kien wiegbu li jiddispjacih, imma huma kienu gja ghamlu laqgha mieghu w ghall-ittra kitbulu tnejn u issa ma setghux jahlu aktar zmien u ghalhekk ma kienx hemm skop li ssir laqgha ohra w mexxew il-kaz.**

**In kontroezami, x-xhud qal li hu kien prezenti meta saru l-vizti. L-isem tal-istabiliment kien Marineland, Baghar ic-Caghaq. Kien hemm xi ismijiet differenti, anki Mediterraneo.**

**L-appellant ma ressaqx provi quddiem l-Ewwel Qorti w ovvjament lanqas ghamel hekk quddiem din il-Qorti.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi zgumbrati l-ewwel u t-tieni aggravji kif fuq intqal, mix-xhieda ta' Philip Mizzi mhux kontestata bi provi**

**ohra u mid-dokumenti esebiti, jirrizulta abbondantement li l-appellant kien hati tat-tlitt imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu. L-aggravju li ma rrizultax li saret ordni bil-miktub ghax ma gietx pruvata n-notifika hu annjentat mill-Fax mibghut mill-istess appellant fejn hu stess kien ghamel riferenza ghall-ewwel ittra tal-15 ta' Dicembru, 2003 u talab kjarifika w laqgha biex jigu diskussi l-punti mitluba fl-istess ittra. Din l-ittra kellha ordni espress f' termini cari u l-kliem uzat:- "*Thus in terms of Article 17 of the same Act <u>you are to</u> : carry out "* ecc. (sottolinear tal-Qorti) ma jhallu ebda dubju li kienet saret l-ordni bil-miktub li trid il-ligi. Umbaghad it-terminu ta' tlitt ijiem li t-tieni proviso tal-artikolu 17 (1) tal-Kap. 424 jistipula li jrid ikun hemm jirriferi biss ghall-periodu li fih ordni moghti verbalment ikun irid jigi konfermat bil-miktub u mwassal ghand il-persuna li lilha jkun moghti. Ghalhekk ladarba hawn inghata ordni bil-mitub mill-ewwel permezz tal-ittra tal-15 ta' Dicembru, 2003, dan it-terminu ma kellux x' jaqsam. Konsegwentement anki t-tielet aggravju huwa infondat.**

**Ir-raba aggravju hu ukoll infondat ghax ix-xhud Mizzi kien mar hu personalment kemm ghall-laqgha spjegattiva li saret mall-appellant kif ukoll meta saret l-inspection f' Gunju, 2004 u ghalhekk mhux korrett l-appellant meta jghid li Mizzi xehed biss bhala rapprezentant tal-Awtorita' fuq dak li kellu fil-file. Ghalhekk altru milli ngabet l-aqwa prova bix-xhieda ta' Mizzi w prova li ma giet kontestata b' ebda mod mill-appellant.**

**Il-hames aggravju wkoll jisfuma fix-xejn meta wiehed iqis ix-xhieda mhux kontestata ta' Philip Mizzi li minnha rrizultaw b' mod lampanti n-nuqqasijiet addebitati lill-appellant li rrizulta li hu direttur tas-socjeta' Marineland Limited li kellha l-indirizz fil-Leisure and Theme Park ta' Bahar ic-Caghaq u li tul l-investigazzjoni kollha kien involut direttament u personalment kemm fil-korrispondenza skambjata bejn is-socjeta' msemmija w l-Awtorita' ghas-Sahha u**

**s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol kif ukoll fil-laqgha spjegattiva li saret mieghu fuq talba tieghu stess bil-miktub bil-fax tat-22 ta' Dicembru, 2003. Ghalhekk lanqas tirrizulta xi skriminanti li jista' jinvoka skond l-art. 13 tal-Kap.249, biex jezimi ruhu mir-responsabbilta' kriminali ghan-nuqqasijiet kommessi mis-socjeta' Marineland Ltd li hu direttur taghha.**

**Ghalhekk taht kull aspett l-appell hu infondat u qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata fl-intier taghha.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------